MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-13 ta' Marzu, 2024

Appell Inferjuri Numru 280/2019 LM

**Farsons Beverage Imports Co. Ltd. (C 476)**
*('ir-rikorrenti')*

***vs.***

**Direttur Ġenerali (Dwana) u Kummissarju tat-Taxxi**
*('l-intimati')*

**Il-Qorti,**

## <u>Preliminari</u>

1. Dawn huma żewġ appelli magħmulin wieħed prinċipali mill-intimati d-**Direttur Ġenerali tad-Dwana** u **l-Kummissarju tat-Taxxi**, [minn issa 'l quddiem 'l-intimati'], u l-ieħor inċidentalment mis-soċjetà rikorrenti **Farsons Beverage Imports Co. Ltd. (C 476)** [hawnhekk 'is-soċjetà rikorrenti'] mis-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-Ewwel Qorti'], fid-29 ta' Mejju, 2023, li permezz tagħha l-Ewwel Qorti laqgħet l-ewwel

eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u ddikjarat li huwa mhuwiex leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u għalhekk illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju; laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti u filwaqt li ddikjarat li l-oġġetti kollha maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 339/2019 ma kellhomx jiġu maqbuda, ordnat li dawn l-istess oġġetti jiġu rilaxxati favur is-soċjetà rikorrenti; ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati safejn dawn huma inkompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni, u ddikjarat li l-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti għandhom jiġu sopportati esklussivament mill-intimat Direttur Ġenerali (Dwana), salv għall-ewwel eċċezzjoni, li l-ispejjeż marbuta magħha għandhom ikunu sopportati esklussivament mis-soċjetà rikorrenti.

**<u>Fatti</u>**

2. Mill-atti rriżulta li fil-15 ta' Lulju, 2019 saret spezzjoni mill-Uffiċjali tad-Dwana fil-ħanut kummerċjali tas-soċjetà rikorrenti 'Farsons Direct' ġewwa Birkirkara, fejn instabu esposti għall-bejgħ għadd ta' fliexken tal-inbid u tal-alkoħol mingħajr il-faxx jew il-bolla tas-Sisa mwaħħla fuqhom, u dan bi ksur tar-Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta). Ir-regolamenti 11 u 12 tal-istess taqsmiet jesiġu li ħadd ma jista' juri u joffri għall-bejgħ inbid u xorb alkoħoliku kemm-il darba dawn ma jkollhomx imwaħħla fuqhom faxx jew bolla tas-Sisa. Ir-Regolament jobbliga lid-Direttur Ġenerali (Dwana) sabiex fin-nuqqas, jaqbad l-oġġetti li jkunu qegħdin jiksru dawn ir-regolamenti. F'dan il-każ instab li fil-ħanut kien hemm għadd ta' fliexken tax-xorb li jew kienu mingħajr bolla, jew inkella kellhom bolla ħażina imwaħħla fuqhom, stante li ġie

stabbilit li uħud mill-fliexken kellhom fuqhom bolla li l-użu tagħha twaqqaf f'Ġunju tal-2015, u l-operaturi f'dan il-qasam li kellhom din it-tip ta' bolla fil-pussess tagħhom ġew obbligati jirritornaw din il-bolla lura lid-Dipartiment sa mhux aktar tard mill-14 t'Awwissu, 2015.

3. Is-soċjetà rikorrenti ppreżentat rikors quddiem l-Ewwel Qorti fit-8 ta' Ottubru, 2019 wara li rċeviet Nota ta' Qbid numru 339/2019 datata t-2 ta' Ottubru, 2019, li permezz tagħha ġiet infurmata li diversi fliexken tal-inbid u xorb alkoħoliku ieħor elenkati fl-istess rikors kienu qegħdin jiġu maqbuda mill-uffiċjali tad-Dwana. Qalet li l-valur tal-imsemmija fliexken tal-inbid u x-xorb kien ta' disat elef, tliet mija u sittax-il Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€9,316.47). Is-soċjetà rikorrenti spjegat li wara li ġiet notifikata b'din in-Nota ta' Qbid, hija bagħtet ittra lill-Kontrollur tad-Dwana u lill-Kummissarju tat-Taxxi *ai termini* tal-artikolu 28 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn infurmat lill-intimati li l-qbid kien qiegħed jiġi kkontestat. Spjegat ukoll li dawn il-fliexken inqabdu għaliex il-bolla stampata fuqhom ma kienitx dik korretta, u dan minkejja li d-Dazju tas-Sisa dovut kien diġà mħallas b'mod korrett u sħiħ. Is-soċjetà rikorrenti sostniet fir-rikors tagħha, li ma teżisti l-ebda vjolazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-Kap. 382, u s-sitwazzjoni odjerna bl-ebda mod ma tikkostitwixxi ksur tar-Regolament 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382. Is-soċjetà rikorrenti qalet li r-Regolament numru 12 tat-Taqsima B u F jitolbu li l-kontenitur li jkun fih l-alkoħol ikollu faxxa jew bolla kif indikat mill-Kummissarju. Qalet li tali faxxa jew bolla verament kienet mwaħħla, iżda bi żball ġenwin twaħħlet l-faxxa jew il-bolla mhux korretta. Qalet li dan ma kellu l-ebda impatt fuq il-ħlas tad-dazju. Żiedet tgħid li l-ebda ammont ta' flus m'hu jew ma kien

dovut lill-intimati fuq il-fliexken maqbuda u dak li ġara kien żball ġenwin li qatt ma messu wassal għall-qbid tal-oġġetti. Qalet li l-Qbid huwa wieħed illegali u jikkonsisti f'miżura drakonjana li twassal għal vjolazzjoni tal-jeddijiet proprjetarji tagħha kif protetti bl-artikolu 37 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u bl-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropea.

4. Is-soċjetà rikorrenti talbet lill-Ewwel Qorti tiddikjara li (i) it-twaħħil tal-faxxa jew tal-bolla żbaljata kien biss jammonta għal żball ġenwin; (ii) li ma kien hemm l-ebda ksur tar-Regolamenti taħt l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta). Is-soċjetà rikorrenti talbet ukoll ir-revoka jew l-annullament tal-effetti tan-Nota ta' Qbid numru 339/2019 u li tinħareġ ordni ta' rilaxx jew ritorn tal-oġġetti kollha maqbuda bin-nota ta' Qbid 339/2019 fi żmien qasir u perentorju, bl-ispejjeż u b'riserva għad-dritt ta' teħid ta' proċeduri kostituzzjonali.

5. L-intimati wieġbu billi preliminarjament eċċepew li l-intimat Avukat tal-Istat għadu ma ġiex notifikat *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Eċċepew in linea preliminari wkoll, li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex il-leġittimu kontradittur fir-rigward ta' din l-azzjoni *ai termini* tal-artikolu 181B tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante li n-Nota ta' Qbid ikkontestata taqa' fil-kompetenza tad-Direttur Ġenerali (Dwana). Eċċepew ukoll li fil-mertu, it-talbiet tas-soċjeta rikorrenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt, u għandhom jiġu miċħuda stante li huma insostenibbli *ai termini* tal-provvedimenti tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalu li l-fatti jikkonċernaw Nota ta' Qbid li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontesta permezz ta' dawn il-proċeduri, datata t-2 ta' Ottubru, 2019. Spjegaw

li d-Direttur Ġenerali (Dwana) qabad għadd fliexken ta' xorb alkoħoliku fil-preżenza ta' esponenti tas-soċjetà rikorrenti, u dan minħabba ksur tal-provvedimenti doganali. L-intimati spjegaw li minn spezzjoni li għamlu l-uffiċjali tad-Dwana, irriżulta li kien hemm għadd ta' fliexken tax-xorb mhux konformi mar-Regolamenti tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta li jirregolaw il-prodotti suġġetti għad-Dazju tas-Sisa. L-intimati qalu li esponenti tas-soċjetà rikorrenti naqsu milli jagħtu spjegazzjoni ġustifikata u konvinċenti lill-awtoritajiet doganali Maltin meta nstab ammont ta' xorb alkoħoliku b'bolol lewn id-deheb imwaħħla magħhom, liema bolol twaqqaf l-użu tagħhom fl-1 ta' Ġunju, 2015, u kull bolla lewn id-deheb mhux imwaħħla kellha tiġi ritornata lura lid-Dipartimentt tad-Dwana sa mhux aktar tard mill-14 t'Awwissu, 2015. Ġie spjegat li ladarba l-fliexken tal-inbid u tal-alkoħol maqbuda ma kellhomx imwaħħla fuqhom il-faxxa jew il-bolla skont is-Sitt Skeda tal-Kap. 382, dawn l-istess fliexken tal-inbid u l-alkoħol kienu in kontravvenzjoni tal-provvedimenti tal-Kap. 382. L-intimati spjegaw li skont ir-Regolament 13 Taqsima B u r-Regolament 13 Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, il-fliexken tal-inbid u l-alkoħol li jinsabu bi ksur tad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11 u 12 tal-istess Taqsimiet tal-istess Att għandhom jiġu kkonfiskati tassattivament, u d-Direttur Ġenerali (Dwana) m'għandu l-ebda diskrezzjoni f'dan ir-rigward.

## <u>Is-Sentenza Appellata</u>

6. Permezz tas-sentenza mogħtija fid-29 ta' Mejju, 2023, l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża billi laqgħet l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi u ddikjarat li mhuwiex leġittimu kontradittur, u għalhekk illiberatu mill-

osservanza tal-ġudizzju; laqgħet it-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti, u filwaqt li ddikjarat li l-oġġetti kollha maqbuda bin-Nota ta' Qbid 339/2019 ma kellhomx jiġu maqbuda, ordnat li dawn l-istess oġġetti jiġu rilaxxati favur is-soċjetà rikorrenti, u ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati safejn inkompatibbli mal-kumplament tad-deċiżjoni, u dan wara li għamlet is-segwenti osservazzjonijiet:

*"**Ikkonsidrat;***

*Illi l-ewwel eċċezzjoni mogħtija mill-intimat Kummissarju tat-Taxxi hi li mhuwiex leġittimu kontradittur għal dawn il-proċeduri.*

*Illi kif ġie ritenut fis-sentenza **Grace Borg vs Edward Basile et** (Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża fit-8 ta' Ottubru, 2019):*

> "Illi din it-tip ta' eċċezzjoni tista' tinftiehem b'modi differenti. Tista' tirreferi għall-kwalità ġuridika tal-konvenut, fis-sens li dan ikun qiegħed jilqa' għat-talba attriċi billi jsostni li huwa estranju għan-negozju ġuridiku pretiż li jkun sar mill-attur billi, per eżempju, huwa ma jkunx ikkuntratta f'ismu personali imma f'isem soċjetà kummerċjali.
>
> F'kawżi kontra l-amministrazzjoni statali, tipikament kap ta' dipartiment li jiġi mħarrek isostni li ma kellux jiġi mħarrek hu imma l-kap ta' xi dipartiment ieħor inkella l-Avukat Ġenerali. F'dan is-sens l-eċċezzjoni tittratta l-kwalità tas-suġġett ossia tal-parti – ċjoé l-konvenut";

*Il-Qorti qieset id-delega mogħtija mill-Kummissarju tat-Taxxi lid-Direttur Ġenerali (Dwana) ai termini tal-Artikolu 3(4) tal-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi, Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, permezz tal-Avviż tal-Gvern Numru 766, tal-20 ta' Lulju, 2012, fejn hu ddelega* "il-poteri u l-funzjonijiet tiegħu"*, inkluż ir-rappreżentanza legali u ġudizzjarja tal-Gvern mogħtija lilu bis-subartikolu (5) tal-artikolu (3) tal-imsemmi Att" għal dak li għandu x'jaqsam mad-*"drittijiet taħt l-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni, l-Att dwar id-Dazju tas-Sisa, u kull regolament magħmul taħthom."

*Illi mill-fatti kif esposti, ma jirriżulta illi l-Kummissarju tat-Taxxi għandu l-kwalità suġġettiva sabiex joqgħod ta' konvenut f'din il-kawża. Filfatt, il-poteri konċessi lilu mill-Ordinanza tad-Dwana, l-Att dwar id-Dazji tal-Importazzjoni u l-Att dwar Dazju tas-Sisa, inkluża l-amministrazzjoni tagħhom u r-rappreżentanza legali u ġudizzjarja*

*tal-Gvern mogħtija lilu ai termini tal-Artikolu 3(5) tal-kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta, ġew delegati in toto lid-Direttur Ġenerali (Dwana).*

*Għalhekk, ġialadarba r-rappreżentanza tal-Gvern taħt dawn l-imsemmija liġijiet hi vestita fid-Direttur Ġenerali (Dwana) u mhux fil-Kummissarju tat-Taxxi, il-Kummissarju tat-Taxxi għandu raġun fl-eċċezzjoni tiegħu li mhuwiex il-leġittimu kontradittur.*

*Għalhekk, din l-ewwel eċċezzjoni preliminari ser tiġi akkolta.*

***Ikkonsidrat;***

*Illi r-regolament 11 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju u tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) jistipola, inter alia, li ħadd ma jista' jbiegħ jew joffri għall-bejgħ xi inbid f'kontenituri kemm-il darba dawn ma tkunx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla skont kif approvata mill-Kummissarju għat-Taxxi, kif speċifikat fir-Regolament 12 tal-istess Skeda. Di più, ir-regolament 13 tal-istess Skeda jistipola li kull kwantità ta' inbid li tinstab fil-pussess ta' persuna bi ksur tar-regolamenti 11 u 12 għandha tiġi konfiskata favur il-Gvern, u dan mingħajr ebda preġudizzju għal kwalunkwe azzjoni oħra. Illi wkoll, ir-regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsima B tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġjiet ta' Malta) huma identiċi għal dawk appena msemmija iżda jirrigwardaw l-*ethyl alcohol *u ċioe l-ispirti minflok l-inbid.*

***Ikkonsidrat;***

*Illi mill-provi prodotti huwa paċifiku illi meta saret l-ispezzjoni, l-Uffiċjali tad-Dwana sabu 56 flixkun ta' spirti u inbejjed li ma kinux konformi ma' dawn ir-regolamenti appena msemmija. Filfatt, jirriżulta illi wħud minn dawn il-fliexken jew ma kellhom l-ebda bolla mwaħħla magħhom jew inkella kellhom bolla ta' tip mhux korrett u fil-fatt ġew maqbuda mill-Uffiċjali tad-Dwana. Jirriżulta wkoll indiskuss bejn il-partijiet illi d-dazju dovut fuq dawn il-fliexken kollha ta' spirti u inbejjed kien tħallas kollu u għalhekk, ma hemm ebda evażjoni ta' dazju tas-sisa.*

*Illi b'hekk, epurata l-kwistjoni dwar evażjoni fiskali o meno, il-kwistjoni legali miġjuba quddiem din il-Qorti hija* sic et simpliciter *jekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) huwiex ġustifikat fil-qbid tal-56 flixkun in kwistjoni.*

*Illi kif ġie ritenut fis-sentenza* ***Priscilla Cassar et vs Kontrollur tad-Dwana*** *(Qorti tal-Appell, deċiża 29 ta' Jannar, 2010):*

> "Dak li trid tara l-Qorti f'dawn il-proċeduri huwa li teżamina ċ-ċirkostanzi tal-każ fid-dawl tal-liġijiet doganali applikabbli u tara jekk ir-rikorrent huwiex intitolat li

jieħu "lura l-ħwejjeġ hekk konfiskati". ... Id-dmir tal-Qorti f'dawn iċ-ċirkostanzi hu mhux li tiddikjara valida jew nulla n-Nota ta' Qbid maħruġa mill-intimat ... iżda li teżamina u tiddetermina jekk effettivament kienx hemm il-ksur allegat tad-dispożizzjonijiet invokati mill-intimat biex jiġġustifika l-qbid u għalhekk jekk il-qbid tal-oġġetti relattivi kienx legalment ġustifikat."

***Ikkonsidrat;***

*Illi mill-provi prodotti jirriżulta illi meta saret l-ispezzjoni mill-uffiċjali tad-Dwana, il-ħanut mertu ta' din il-kawża kellu għall-bejgħ numru konsiderevoli ta' fliexken tal-inbid u tal-ispirti. Is-soċjetà rikorrenti targumenta li huwa inverosimili li hija intenzjonalment ma waħħlitx il-bolol fuq dawn il-fliexken meta l-maġġoranza assoluta ta' fliexken l-oħra viżibbli u disponibbli fil-ħanut kienu mmarkati b'mod regolari. Bl-istess argument, irribadiet ukoll li ma kien hemm assolutament xejn x'tiggwadanja bil-fatt li xi fliexken kienu mmarkati b'bolol tas-sisa antiki li fil-passat, kellhom użu divers u li allura, dan kien riżultat ta' żball ġenwin.*

*Illi mill-banda l-oħra, id-Direttur Ġenerali (Dwana) intimat jargumenta li ladarba fl-ispezzjoni ġew riskontrati nuqqasijiet, huwa kien pjenamnet ġustifikat li jaqbad il-fliexken tal-inbid u l-ispirti kollha in kwistjoni għax skont ma jargumenta in sostenn tad-deċiżjoni tiegħu, hekk trid il-liġi.*

*Illi kif ġie ritenut fis-sentenza* ***Michael Mangion et vs il-Kontrollur tad-Dwana*** *(Qorti Ċivili, Prim'Awla, deċiża 12 ta' Marzu, 2013 u kkonfermata mill-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-18 ta' Lulju, 2017):*

"il-Qorti m'għandhiex tapplika l-liġi b'mod robotiku sabiex tara jekk kienx hemm ksur tar-regolamenti iżda għandha tikkonsidra l-intenzjoni tal-importatur meħuda fiċ-ċirkostanzi kollha tal-każ inkluż il-komportament tiegħu."

*Illi tal-istess linja ta' ħsieb kienet il-Qorti tal-Appell fid-deċiżjoni tagħha fil-kawża fl-ismijiet* ***Patrick Cellars Limited (C 15930) et vs Il-Kummissarju tat-Taxxi*** *(deċiża fis-26 ta' Novembru, 2014) meta qalet li "*kwindi din il-Qorti ma ssib xejn x'tiċċensura fil-konklużjoni illi waslet għaliha l-Ewwel Qorti illi n-nuqqas ta' dikjarazzjoni magħmula mill-aġent għan-nom tas-soċjetà rikorrenti kien żball ġenwin*" u b'hekk għaddiet biex tiċħad l-aggravju sollevat mill-Kummisarju tat-Taxxi favur il-konfiska.*

*Illi huwa paċifiku li s-soċjetà rikorrenti hija importatur u distributur ta' portata konsiderevoli fis-suq lokali, fatt li ġie ukoll ikkonfermat fix-xhieda ta' Marisa Hewer prodotta mill-intimati, u l-ħanut tagħha huwa miftuħ għall-pubbliku ġenerali.*

*Illi din il-Qorti tqis li għalkemm mhux impossibbli, huwa inverosimili li kummerċjant ta' din il-portata jipperikola li jpoġġi għall-bejgħ prodotti li* ab initio *ma jkunux konformi mal-liġi bir-riperkussjonijiet kollha legali u reputazzjonali li dan jista' jippreċipita.*

*Illi skont ix-xhieda ġuramentata ta' Norman Aquilina, il-maġġoranza tal-fliexken in kwistjoni kellhom bolla ħażina mwaħħla u xi waħdiet ma kellhom l-ebda bolla. Dan ix-xhud ikkonferma wkoll li s-soċjetà rikorrenti kemm il-darba importat xorb u l-bolol dejjem twaħħlu b'mod korrett. B'hekk, fuq l-iskorta ta' din ix-xhieda l-Qorti hija propensa li temmen il-verżjoni mogħtija mis-soċjetà rikorrenti, u ċioe li ma kellha l-ebda intenzjoni li f'dan il-każ ma tottemperax ruħha mad-dispożizzjonijiet tar-regolamenti 11(5) tat-Taqsima B u tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju u tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta) bħal ma dejjem tagħmel skont kliemha stess.*

*Illi ġara però, li sar żball ġenwin f'liema bolol twaħħlu fuq uħud mill-fliexken u seta' ġara wkoll li xi bolol (li probabbilment kienu tal-għamla korretta u allura mill-'ġodda') waqgħu minn mal-fliexken* de quo*, u dan, essenzjalment, minħabba difett fl-adeżiv tal-bolol, fatt li kif irriżulta mill-provi, kien prevalenti fiż-żmien rilevanti għal din il-vertenza. Hawnhekk, il-Qorti tinnota li importatur m'għandux għażla oħra minn fejn iġib il-bolol għajr għall-fornitur indikat mid-Direttur Ġenerali (Dwana) u jekk dan jissupplixxi bolol difettużi, kif jista' jkun li ġara f'dan il-każ, l-importatur ikollu joqgħod bihom bir-riskju li l-istess Direttur Ġenerali (Dwana) jieħu passi kontrih jekk isib xi nuqqas.*

*Illi stradata l-kwistjoni dwar il-bolol difettużi, lanqas ma l-Qorti tara li l-possibbli nuqqasijiet minuri li seta' kien hemm f'dan il-każ min-naħa tal-importatur għandhom isarrfu fil-konfiska ta' 56 flixkun ta' inbejjed u spirti b'valur approssimattiv ta' €9,316.47 meta rriżulta li, wara kollox, ma kien hemm ebda evażjoni tal-erarju pubbliku.*

*Illi sa ċertu punt, għandu raġun id-Direttur Ġenerali intimat jargumenta li t-twaħħil tal-faxex fuq il-kontenituri u l-evażjoni fiskali huma żewġ aspetti differenti tal-liġi, tant li s-soċjetà* de quo *mhijiex akkużata li evadiet il-fisku, però min-naħa l-oħra ma tagħmilx sens għal soċjetà bħal dik rikorrenti li wara li tkun ħallset id-dazju tas-sisa kollha dovut imbagħad intenzjonalment ma turix il-bolol rispettivi fuq il-fliexken.*

***DECIDE***

***Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:***

1. ***Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-Kummissarju tat-Taxxi, tiddikjara illi l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex leġittimu kontradittur tas-soċjetà rikorrenti u għaldaqstant qed tilliberah mil-osservanza tal-ġudizzju;***
2. ***Tilqa' t-talbiet kollha tas-soċjetà rikorrenti u filwaqt li tiddikjara illi l-oġġetti maqbuda fin-Nota ta' Qbid numru 339/2019 ma kellhomx jiġu maqbuda, tordna li dawn l-istess oġġetti jiġu rilaxxati a favur tas-soċjetà rikorrenti;***
3. ***Tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati sa fejn dawn huma inkompatibbli ma' dak li ġie deċiż hawn fuq.***

***Bl-ispejjeż tal-preżenti, għandhom ikunu a karigu esklussiv tad-Direttur Ġenerali (Dwana) intimat salv għall-ewwel eċċezzjoni, li għandha tkun a karigu esklussiv tas-soċjetà rikorrenti."***

**<u>L-Appell</u>**

7. Id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Kummissarju tat-Taxxi ippreżentaw appell minn din is-sentenza fit-30 ta' Ġunju, 2023, li permezz tiegħu talbu lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tilqa' l-aggravji tagħhom u tilqa' l-eċċezzjonijiet imressqa minnhom fir-risposta tagħhom, bl-ispejjeż kontra s-soċjetà rikorrenti.

8. L-intimati huma tal-fehma li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi; li l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-fatti u l-provi b'mod żbaljat, u aggravju ieħor huwa dwar l-ispejjeż tal-kawża. L-intimati spjegaw il-fatti li wasslu għall-proċeduri odjerni, u qalu li waqt spezzjoni li saret minn uffiċjali tad-Dwana fil-15 ta' Lulju, 2019 fil-ħanut tas-soċjetà rikorrenti bl-isem 'Farsons Direct' ġewwa Birkirkara, instabu offruti għall-bejgħ għadd sostanzjali ta' fliexken tal-inbid u tal-alkoħol mingħajr faxex/bolol tas-Sisa appożiti mwaħħla fuqhom bi ksur tar-Regolamenti 13 tat-Taqsima B u tar-Regolament 13 tat-Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att dwar Dazju tas-Sisa (Kap. 382 tal-Liġijiet

ta' Malta). Spjegaw li dawn ir-regolamenti jagħmlu riferiment għar-regolamenti 11 u 12 tal-istess taqsimiet, li jesiġu li ħadd ma jista' juri u joffri għall-bejgħ inbid u xorb alkoħoliku kemm-il darba dawn ma jkollhomx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla tas-Sisa. Qalu li fin-nuqqas, ir-Regolament 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jobbliga lid-Direttur Ġenerali (Dwana) jaqbad l-oġġetti li jkunu qegħdin jiksru dawn ir-regolamenti. Qalu wkoll li r-regolament 12 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta jeżiġi li l-faxxa jew bolla tas-sisa għandha tkun dik korretta skont kif indikat mill-Kummissarju, u għandha tkun imwaħħla bil-mod korrett kif indikat mill-Kummissarju. Komplew jgħidu li fil-każ in eżami mhux biss instabu fliexken tal-inbid u tax-xorb alkoħoliku li kellhom imwaħħla bolla ħażina, iżda kien hemm ukoll diversi fliexken mingħajr bolla. Qalu li fliexken tax-xorb alkoħoliku li nstabu b'bolla ħażina, kellhom imwaħħla fuqhom bolla lewn id-deheb, liema bolla twaqqaf l-użu tagħha fl-1 ta' Ġunju, 2015. Qalu li kull bolla ta' lewn id-deheb mhux imwaħħla, kellha tiġi ritornata lid-Dipartiment tad-Dwana sa mhux aktar tard mill-14 t'Awwissu, 2015. L-intimati qalu li huma kienu infurmaw u avżaw lil kull importatur rigward din il-bidla fil-bolol, u kienu saħansitra ħarġu numru ta' avviżi. Qalu wkoll li meta kienu għadhom jintużaw il-bolol kulur id-deheb qabel l-1 ta' Ġunju, 2015, dawn setgħu jintużaw biss fuq inbejjed u ma setgħux jintużaw fuq xorb alkoħoliku ieħor.

9. Permezz ta*l-ewwel aggravju* tagħhom, l-intimati qalu li l-Ewwel Qorti naqset milli tikkonsidra dak li jipprovdu u jeżiġu r-Regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsima B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382. Qalu li l-Ewwel Qorti ma kkonsidratx u injorat dak li jgħidu r-Regolamenti 11 (1) tat-Taqsima B u F tas-Sitt Skeda tal-

Kap. 382, li jimponu projbizzjoni fuq il-bejgħ ta' fliexken tax-xorb kemm-il darba dawn ma jkollhomx imwaħħla fuqhom faxxa jew bolla tas-Sisa. Qalu li l-fatt li fil-ħanut tas-soċjetà rikorrenti nstabu għadd ta' fliexken b'bolla mhux korretta jew mingħajr bolla tas-Sisa, fisser li kien hemm obbligu tassattiv fuqhom li jaqbdu dawk il-fliexken li jkunu qegħdin jiksru dawn it-taqsimiet. L-intimati saħqu illi anki li kieku għall-grazzja tal-argument is-soċjetà rikorrenti tassew kienet waħħlet il-bolol tas-Sisa jew sar xi żball, fil-mument li dan ix-xorb tpoġġa għall-bejgħ, kien fl-interess u fl-obbligu tas-soċjetà rikorrenti li taċċerta ruħha li dawn kellhom l-bolol appożiti mwaħħla fuqhom. Qalu wkoll li ma tistax tintwera klemenza ma' dan l-operatur u mhux ma' ieħor, għaliex jekk jiġri hekk jinħoloq element ta' favoritiżmu bejn żewġ operaturi fl-istess qasam, u huwa għalhekk li l-liġi doganali tipprovdi b'dan il-mod. Qalu li l-leġislatur ried joħloq deterrent b'saħħtu biżżejjed sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jottemperaw ruħhom mal-liġi u jkunu diliġenti fl-operat tagħhom, u b'hekk jgħinu lid-Dipartiment sabiex tikber il-fiduċja tal-konsumaturi, u titjieb il-perċezzjoni lokali u internazzjonali fir-rigward tal-ġbir tat-taxxa tas-sisa għall-erarju pubbliku u tissaħħaħ il-fiduċja bejn id-Dipartiment tad-Dwana u l-operaturi ekonomiċi. L-intimati qalu li l-qbid ta' flixkun għaliex ma jkollux bolla tas-Sisa mwaħħla jew għaliex ikollu bolla mwaħħla ħażin, m'huwa xejn meta mqabbel mar-riskju li l-operatur ekonomiku jista' jiffaċċja f'każ li jittenta jevadi d-dazju. L-intimati spjegaw li r-Regolament 13 tat-taqsimiet rispettivi tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta, jgħid li l-konfiska ta' fliexken li jinstabu mingħajr bolla tas-Sisa, għandha ssir mingħajr preġudizzju għal kull piena oħra prevvista bl-Att jew b'xi liġi oħra. Qalu li għalhekk irid isir aċċenn għall-artikolu 16 tal-Kap. 382 u għall-artikolu 62 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta, fejn lil hinn minn kull qbid, il-

liġi tipprovdi għal pieni ħorox kontra min jittenta jevadi, jew jevadi d-dazju. Qalu wkoll li l-artikolu 60 tal-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta saħansitra jistipula li meta tavvera ruħha l-possibilità ta' evażjoni fiskali, l-oġġetti l-oħra li jkunu ppakkjati magħhom jew li jintużaw sabiex jaħbu l-oġġetti irregolari, għandhom jinqabdu ukoll. Qalu li fil-każ in eżami ma ġarax hekk, u ġew ikkonfiskati biss is-sitta u ħamsin (56) flixkun li kienu fi stat irregolari.

10. L-intimati saħqu li r-regolament 12(1) tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382, jistipula b'mod ċar li l-faxxa jew bolla tas-Sisa għadha tkun dik korretta skont kif indikat mill-Kummissarju, u għandha tkun imwaħħla b'mod korrett skont kif indikat mill-istess Kummissarju. Qalu li kien l-obbligu tas-soċjetà rikorrenti li taċċerta ruħha li kull flixkun li tqiegħed għall-bejgħ ikun konformi mal-liġi, u li tassigura li l-bolla tkun imwaħħla b'mod korrett. *Lex vigilantibus spectat* saħqu l-intimati, u ladarba kien hemm nuqqas ta' ħarsien b'mod skrupluż tar-regolamenti doganali min-naħa tas-soċjetà rikorrenti, u peress li dawn il-fliexken kienu esposti u offruti għall-bejgħ mingħajr bolla tas-Sisa jew b'bolla tas-Sisa mhux korretta, kien hemm l-obbligu legali fuq l-intimati li jaġixxu *ai termini* tar-Regolamenti 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Kap. 382.

11. Permezz tat-*tieni aggravju* tagħhom, l-intimati qalu li l-Qorti m'għamlitx apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi. Spjegaw li l-pern tal-kawża huwa jekk l-intimati kinux legalment ġustifikati li jikkonfiskaw il-fliexken in kwistjoni. Qalu wkoll li minkejja li bħala regola ġenerali, din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti, għandu jingħand ukoll li s-sentenza tal-Ewwel Qorti ħalliet impatt fuq l-operat tad-Dwana u fuq

l-obbligu ta' ħarsien u skrutinju tar-regolamenti tagħha fl-aħjar interess tal-erarju pubbliku, ta' negozjanti oħra li joperaw fl-istess qasam, u tal-kunfidenza tal-konsumatur lokali. L-intimati qalu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-provi b'mod kemmxejn laxk, u saħansitra attribwiet nuqqasijiet lid-Direttur Ġenerali (Dwana). L-intimati qalu li l-*affidavits* tar-rappreżentanti tal-Kamra tal-Kummerċ kienu ġeneriċi għall-aħħar, u meta sar kontro-eżami lil wieħed minnhom, dan qal li ma kien jaf xejn dwar il-każ partikolari. Qalu li l-Ewwel Qorti fir-rigward tal-fliexken li ma kellhomx il-bolla mwaħħla, is-soċjetà rikorrenti ma ssodisfatx il-vot tal-liġi rikjest skont l-artikolu 559 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta dwar it-tressiq tal-aħjar prova. L-intimati qalu li l-*onus probandi* huwa fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah. L-intimati qalu li bl-ebda mod ma ġie ppruvat li l-bolol li twaħħlu kienu difettużi jew setgħu jinqalgħu faċilment, u minkejja li s-soċjetà rikorrenti kienet f'qagħda li tressaq bħala xhud lill-fornitur ta' dawn il-bolol sabiex jiddeponi dwar dan, hija naqset milli tressaq din il-prova. Qalu wkoll li *quod non est in actis non est in mundo,* u għalhekk fin-nuqqas ta' prova, qatt ma setgħet issir l-assunzjoni li dawn il-bolol waqgħu, u fi kwalunkwe każ l-allegazzjoni li saret kienet li minn ħanut mimli fliexken tax-xorb, kienu sittax-il flixkun biss li waqatilhom il-bolla. L-intimati qalu li kieku kellha tiġi aċċettata l-iskuża li l-bolol tas-Sisa kienu difettużi jew li dawn waqgħu mingħajr ma tinġieb prova f'dan is-sens, ikun qiegħed jinfetaħ il-bieb biex kull operatur ekonomiku li jinstab bi fliexken offruti għall-bejgħ mingħajr bolla tas-Sisa, joħroġ bl-istess skuża. Qalu wkoll li huma ma jistgħux joqogħdu fuq il-kelma ta' min allega li l-bolol waqgħu, mingħajr prova li tikkorrobora dan.

12. L-intimati qalu li lanqas ma nġabet prova mis-soċjetà appellanta li hija għamlet xi tentattiv sabiex tinfurmahom jew li tibdel dawk il-bolol tas-Sisa li

allegatament waqgħu minn fuq il-fliexken. Qalu li bħala operatur f’dan il-qasam, is-soċjetà rikorrenti għandha tassigura li l-fliexken offruti minnha għall-bejgħ ikollhom il-bolla tas-Sisa mwaħħla f’kull ħin u kull mument. Qalu wkoll li l-konformità mal-liġi ma tridx tirriżulta biss fil-mument li prodott joħroġ mill-*warehouse,* iżda għandu jiġi assigurat li waqt li prodott jiġi offrut għall-bejgħ, dan jibqa’ konformi mal-liġi. Qalu li fejn l-evażjoni fiskali hija realtà kurrenti li taffettwa lil diversi pajjiżi, l-operaturi ekonomiċi fil-qasam tax-xorb huma obbligati li permezz tal-ħarsien tar-regolamenti, jassistu lid-Dipartiment tad-Dwana jidentifika b’aktar faċilità u speditezza dak ix-xorb li fuqu ma tħallasx dazju tas-Sisa. Qalu wkoll li l-bolla tas-Sisa tagħti fiduċja lill-konsumatur li l-prodott li qiegħed jixtri effettivament tħallas id-dazju fuqu, u din il-fiduċja hija essenzjali għall-perċezzjoni tal-operat korrett tad-Dipartiment u għall-ġlieda kontra l-evażjoni fiskali. Komplew jgħidu li l-Ewwel Qorti injorat għal kollox ix-xhieda tal-eks-Direttur Ġenerali tad-Dwana u tad-Direttur tad-Dipartiment tas-Sisa, li spjegaw li l-bolol ta’ kulur id-deheb kienu jintużaw biss fuq l-inbejjed u mhux fuq kwalunkwe xorb alkoħoliku, u li dat-tip ta’ bolol li kienu għadhom fis-suq, kellhom jinġabru sal-1 ta’ Ġunju, 2015. Qalu li għalhekk l-Ewwel Qorti ma kinitx korretta meta qalet li sar żball ġenwin fir-rigward ta’ liema bolol twaħħlu fuq xi fliexken, għaliex is-soċjetà rikorrenti ma setgħetx tuża dan it-tip ta’ bolol fuq l-ebda tip ta’ xorb wara l-1 ta’ Ġunju, 2015. Komplew jgħidu li *semmai* kien hemm negliġenza min-naħa tas-soċjetà rikorrenti li ma wettqitx id-doveri tagħha. u li naqset li timxi mal-obbligi imposti fuqha mill-awtoritajiet billi tirritorna l-bolol li kellhom jiġu ritornati lura lill-awtoritajiet numru ta’ snin qabel. L-intimati qalu li l-qbid tal-fliexken ma seħħx neċessarjament minħabba tentattiv ta’ evażjoni tad-dazju, iżda minħabba nuqqas ta’ ħarsien tar-

regolamenti fir-rigward ta' espożizzjoni ta' fliexken għall-bejgħ. Qalu li kien obbligu tas-soċjetà rikorrenti li taċċerta li kull flixkun espost għall-bejgħ dejjem ikollu l-bolla tas-Sisa mwaħħla miegħu. Qalu wkoll li wieħed ma jridx jinsa li kull flixkun mingħajr bolla tas-Sisa, jew b'bolla li llum m'għadhiex tintuża, ifisser il-possibilità reali li dik il-bolla titwaħħal fuq flixkun li d-dazju tas-Sisa fuqu ma jkunx ġie kawtelat, u għalhekk huwa kompitu tal-appellant Direttur Ġenerali (Dwana) li jimmitiga dawn iċ-ċirkostanzi anki fl-interess tal-erarju pubbliku. Qalu li għalhekk is-soċjetà rikorrenti ma ressqitx raġunijiet tajbin biżżejjed u sal-grad meħtieġ mil-liġi sabiex turi li l-intimati kienu skorretti meta qabdu dawn il-fliexken.

13. *It-tielet aggravju* tal-intimati huwa marbut mal-kap tal-ispejjeż, u hawnhekk l-intimati qalu li m'għandhomx ikunu huma li jbatu l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell u l-Appell Inċidentali</u>**

14. Is-soċjetà rikorrenti wieġbet li fl-ewwel lok l-intimati jikkwotaw artikolu żbaljat tal-liġi, għaliex huma jikkwotaw l-artikoli tal-liġi kif inhuma fil-preżent u mhux fid-data tal-qbid, jiġifieri fit-8 ta' Ottubru, 2019. Qalet li għandu jkun ovvju li l-liġi applikabbli, bħala liġi sostantiva u mhux proċedurali, hija dik ta' meta allegatament seħħet il-vjolazzjoni, jiġifieri fis-sena 2019, għaliex il-liġi fis-sena 2019 kienet tikkonsidra biss il-mod kif għandu jsir it-twaħħil ta' bolla, u kienet siekta fir-rigward tat-twaħħil ta' bolla skorretta. Qalet li l-liġi tirregola kif għandha titwaħħal il-bolla b'tali mod li din tinqata' meta jinfetaħ flixkun, u għalhekk il-bolla ma tkunx tista' terġa' tiġi użata għal raġunijiet ovvji relatati

mal-konsumatur u l-ħlas tad-dazju. Qalet li bl-emenda li ddaħħlet fis-seħħ permezz l-Att VIII tal-2020.66, huwa ċar li l-leġislatur ipprova jagħmel tajjeb għal-lakuna li kien hemm fil-liġi, jiġifieri għal sitwazzjonijiet fejn titwaħħal il-bolla mhux korretta. Qalet li dan ifisser li l-intimati ma setgħux jaqbdu l-parti l-kbira tal-oġġetti sekwestrati minnhom, liema oġġetti jinqasmu f'xorb li kellu mwaħħal fuqu bolla ħażina u xorb li ma kellu mwaħħla fuqu l-ebda bolla. Qalet li l-estratt tal-artikolu 11 ikkwotat mill-intimati fir-rikors tal-appell tagħhom jista' jagħti lok għal konfużjoni għaliex dan ma ġiex ikkwotat fl-intier tiegħu, billi dak iż-żmien dan l-artikolu kien jintemm bil-kliem "... *kif provdut fir-regolament 12",* li huwa l-artikolu tal-liġi li fis-sena 2019 kien jikkontempla biss il-mod kif kellha tiġi mwaħħla l-bolla.

15. Is-soċjetà rikorrenti qalet li l-intimati jkomplu r-rikors tal-appell tagħhom billi jgħidu li kien hemm għadd sostanzjali ta' fliexken tax-xorb b'bolla mhux korretta jew mingħajr bolla tas-sisa, u jagħtu l-impressjoni li żball, anki jekk wieħed ġenwin, huwa irrilevanti għall-fini tal-qbid, u saħansitra jimplikaw li s-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob xi tip ta' favoritiżmu. Is-soċjetà rikorrenti qalet li hawnhekk *si tratta* ta' sitta u ħamsin (56) flixkun tax-xorb, li għal kumpannija bħalha li tbiegħ eluf ta' fliexken, mhuwiex numru sostanzjali, iżda huwa perċentwali żgħir ħafna mill-istokk tagħha.

16. Is-soċjetà rikorrenti qalet ukoll li l-Qrati tagħna kemm-il darba ċċaraw li f'materji ta' qbid doganali jew relatati ma' dazju, il-qrati għandhom jikkonsidraw proprju jekk kienx hemm xi żball. Qalet li filwaqt li għandu jkun hemm deterrent b'saħħtu kontra l-evażjoni tat-taxxa, żbalji verament ġenwini għandhom jiġu kkonsidrati mill-Qrati, u mhux puniti bil-mod suġġerit mill-

intimati. Is-soċjetà rikorrenti qalet li t-teħid ta' proprjetà tagħha jammonta għal punizzjoni kiefra u drakonjana fiċ-ċirkostanzi meta wieħed jikkonsidra li mhuwiex kontestat li f'dan il-każ id-dazju kien tħallas. Qalet ukoll li il-Qorti għandha tikkonsidra li nstab li sar żball fuq għadd żgħir ta' fliexken tax-xorb alkoħoliku li kellhom bolla mhux korretta jew li ma nstabitx bolla mwaħħla magħhom.

17. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-intimati, is-soċjetà rikorrenti qalet li din il-Qorti ta' reviżjoni m'għandhiex faċilment tiddisturba l-apprezzament tal-provi li għamlet l-Ewwel Qorti. Kompliet tgħid li filwaqt li l-intimati jikkontestaw l-importanza tax-xhieda ta' Pierre Stafrace, Tarcisio Piscopo u Michael Darmanin, għandu jingħad li hija ppreżentat din ix-xhieda sabiex jixhdu fuq problemi li hemm fis-suq u li huma attribwibbli lill-awtoritajiet, u b'mod partikolari lill-Kummissarju tat-Taxxi. Kompliet tgħid li hija ma tistax tifhem x'tip ta' prova kellha tressaq sabiex turi li l-bolol kienu verament difettużi. Qalet li l-bolla setgħet waqgħet waqt it-trasport, u li kieku xi ħadd raha taqa', x'aktarx li kienu jittieħdu passi biex jirrimedjaw dan. Qalet ukoll li l-intimati lanqas ma apprezzaw li mhux faċli li tinduna li l-bolla tkun waqgħet meta jkunu qegħdin jiġu ttrasportati eluf ta' fliexken tax-xorb. Qalet ukoll li jekk dak li xehdu Pierre Stafrace, Tarcisio Piscopo u Michael Darmanin kien b'xi mod ikkontestat, l-intimati kellhom jikkontestaw ix-xhieda tagħhom, jew almenu l-intimati jgħidu li mhux vera li kien hemm dawn il-problemi bil-bolol. Qalet li l-intimati baqgħu siekta dwar dan, u dan għaliex huma kienu konxji ta' din il-problema. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan mhuwiex l-ewwel każ fejn quddiem il-Qrati tagħna tqajmet il-problema tal-bolol, u għandha tiġi kkunsidrata l-prova li tressqet

quddiem l-Ewwel Qorti fil-forma ta' minuti ta' laqgħa bejn il-*Wines, Spirits, Beverages & Tobacco Executive Committee of the Chamber of Commerce* li saret fit-3 ta' Diċembru, 2019, fejn ingħad li kien hemm "*.. an increasing number falling off and leaving no trace of an excise stamp being ever affixed".* Qalet li din mhijiex problema li affettwat bolla waħda jew tnejn, iżda problema tal-industrija kollha, u għalhekk qabel ma jkun hemm qbid, l-intimati għandhom ikollhom fiduċja fil-kwalità tal-bolol ipprovduti lill-operaturi fis-suq.

18. Qalet li mhuwiex ġust li l-intimati naqsu milli jipproduċu provi quddiem l-Ewwel Qorti sabiex jikkontestaw l-allegazzjoni li l-bolol kienu difettużi, iżda fl-appell ippruvaw jiżvijaw lil din il-Qorti billi jallegaw li din il-problema mhux vera teżisti. Qalet li l-awtoritajiet kienu infurmati bil-problema li nġabet għall-attenzjoni tagħhom diversi drabi. Qalet ukoll li fir-rigward tal-bolol kulur id-deheb li nstabu mwaħħlin ma' ċerti fliexken tal-inbid, mhuwiex ikkontestat li ma kinux twaħħlu l-bolol korretti, iżda hija ma tifhimx l-argument li ma setax isir żball bħal dan, għaliex dawn il-bolol jitwaħħlu minn persuni li huma fallibbli. Qalet li waħda mill-problemi li ġew diskussi fil-laqgħa tat-3 ta' Diċembru, 2019, kienet proprju l-ammont ta' bolol differenti li kienu qegħdin jintużaw, li kienu qegħdin iwasslu għal żbalji bħal dawn. Is-soċjetà rikorrenti qalet li dan kollu ġie kkonsidrat fix-xhieda ta' Pierre Stafrace, Tarcisio Piscopo, u Michael Darmanin, u ssostni li l-Ewwel Qorti kienet korretta meta kkunsidrat li kien sar żball ġenwin, anki għaliex hija ma kellha xejn x'tirbaħ minn tali żball ladarba d-dazju kien diġà tħallas. Spjegat li l-ħanut fejn seħħ dan kollu kellu bolol tat-tip li kien affettwat bid-difett, u oħrajn li ma kinux, u x-xhieda mressqa minnha kkonfermaw li kien hemm għadd ta' bolol ġodda li kienu qegħdin jaqgħu wara

li jitwaħħlu. Qalet li għalhekk l-għadd ta' fliexken misjuba jista' jiġi kkunsidrat bħala konsistenti ma' dan id-difett, li kien ben magħruf lill-intimati.

19. B'riferiment għat-tielet aggravju tal-intimati, is-soċjetà rikorrenti qalet li dan huwa bbażat fuq il-possibilità li jintlaqgħu l-ewwel żewġ aggravji, u għalhekk dan ukoll għandu jiġi miċħud.

20. Is-soċjetà rikorrenti ressqet appell inċidentali, fejn qalet li l-Kummissarju tat-Taxxa huwa leġittimu kontradittur, u ma kellux jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju. Qalet li minkejja li l-Kummissarju tat-Taxxa kellu din l-eċċezzjoni li ġiet milqugħa, huwa xorta waħda għażel li jintavola l-appell, u dan il-fatt jikkreja konfużjoni, għaliex il-Kummissarju tat-Taxxi ma għamilx aggravju speċifiku relatat ma' dik il-parti tad-deċiżjoni. Qalet li hija kienet tistenna li *de minimis,* il-Kummissarju tat-Taxxi jiddikjara li mhuwiex qiegħed jinsisti aktar fuq it-tieni eċċezzjoni tiegħu, iżda lanqas dan ma sar. Qalet li kien għalhekk li sabiex tkun legalment korretta, hija ressqet dan l-appell inċidentali.

21. Żiedet tgħid li dak dikjarat mill-intimati fit-tieni paragrafu tar-rikors tal-appell tagħhom mhuwiex minnu, għaliex l-emendi fil-liġi ma ddaħħlux meta dawn il-proċeduri kienu diġà differiti għas-sentenza. Qalet li l-emendi fil-liġi saru fis-sena 2022, filwaqt li t-trattazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti saret fis-sena 2023. Qalet li għalhekk hija tikkontendi li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi varjata safejn qieset li l-Kummissarju tat-Taxxi mhuwiex leġittimu kontradittur, u ġie kkunsidrat li l-ispejjeż relatati mal-Kummissarju tat-Taxxi għandhom ikunu a karigu tagħha. Is-soċjetà rikorrenti temmet tgħid li s-sentenza tal-Ewwel Qorti għandha tiġi riformata fis-sens li tiġi kkonfermata in

kwantu laqgħet it-talbiet kollha tagħha u ddikjarat li l-oġġetti maqbuda bin-Nota ta' Qbid numru 339/2019 ma kellhomx jiġu maqbuda, u ordnat li dawn l-oġġetti jiġu rilaxxati lura lilha, filwaqt li tirrevokaha in kwantu laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-intimati.

**Ir-Risposta għall-Appell Inċidentali**

22. L-intimati wieġbu li fir-rigward ta' dak allegat mis-soċjetà rikorrenti, il-punt tat-tluq għandu jkun l-Att XXXVII tat-18 ta' Lulju, 2023, li emenda l-Att dwar il-Kummissarju tat-Taxxi (Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta). Qalu li permezz ta' dan l-Att ġie emendat l-artikolu 3 tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta fejn ġie stipulat li l-funzjonijiet kollha vestiti fil-Kummissarju tat-Taxxi Interni, fil-Kummissarju tat-Taxxi fuq il-Valur Miżjud, u fil-Kontrollur tad-Dwana, għandhom jiġu ttrasferiti lill-Kummissarju tat-Taxxi u d-Dwana. Qalu li, magħdud ma' dan, ġie introdott is-sub-artikolu 3A tal-Kap. 517 tal-Liġijiet ta' Malta li jgħid li:

> "F'kull liġi, formola statutorja u att ġudizzjarju, kull referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi Interni, għall-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, għall-Kontrollur tad-Dwana u għall-Kummissarju tat-Taxxi għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għall-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana u kull referenza għall-Kummissarju tat-Taxxi għandha tinqara u tinftiehem bħala referenza għall-Amministrazzjoni tat-Taxxa u d-Dwana ta' Malta."

23. Spjegaw li permezz tal-Liġi Sussidjarja 517.01 (Regolament dwar l-Ekwivalenza ta' ċerti referenzi għall-Karigi fid-Dipartimenti tat-Taxxa), 'Kontrollur tad-Dwana' huwa ekwivalenti u għandu l-istess tifsira u effett legali bħal 'Direttur Ġenerali (Dwana)'. Qalu li għalhekk 'Kontrollur tad-Dwana'

għandu jinftiehem bħala referenza għall-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana. Qalu li għalhekk id-Direttur Ġenerali (Dwana) kif ukoll il-Kummissarju tat-Taxxi, illum il-ġurnata huma l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana, u għalhekk l-aggravju mqajjem mis-soċjetà rikorrenti ġie sorvolat u sar inutilment peress li l-Att XXXVII daħal fis-seħħ fit-18 ta' Lulju, 2023, u għalhekk dan l-appell inċidentali ma kellux għalfejn isir, u l-intimati m'għandhomx ibatu l-ispejjeż marbuta mal-appell inċidentali.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

24. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji rispettivi mressqa mill-partijiet, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmulin mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet ppreżentati mill-partijiet. L-intimati ressqu r-rikors tal-appell tagħhom għaliex ħassewhom aggravati minħabba tliet raġunijiet ewlenin: li l-Ewwel Qorti għamlet interpretazzjoni u applikazzjoni żbaljata tal-liġi; li l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-fatti b'mod żbaljat; u li huma ma kellhomx jintalbu jagħmlu tajjeb għall-ispejjeż tal-kawża.

25. L-intimati qalu li minkejja li l-Ewwel Qorti sabet li kien hemm ksur tar-Regolament 13 Taqsima B u tar-Regolament 13 Taqsima F tas-Sitt Skeda tal-Att, din naqset milli tikkonsidra wkoll dak li jgħidu r-Regolamenti 11 u 12 tal-istess Taqsimiet, fis-sens li hemm l-obbligu fuq id-Direttur Ġenerali intimat, li jaqbad fliexken li jinstabu li qegħdin jiksru l-projbizzjoni imposta bil-liġi. L-intimati saħqu li fil-każ in eżami huma ma setgħu jipprovdu l-ebda klemenza, għaliex jekk jagħmlu dan ikunu qegħdin joħolqu klima ta' favoritiżmu, fejn operatur f'dan il-qasam ma jingħatax l-istess piena bħal operatur ieħor, sabiex b'hekk titneħħa l-

*level playing field* li għandu jkun hemm fis-suq. Qalu li kull evażjoni ta' ħlas tad-dazju da parti ta' operaturi f'dan il-qasam, twassal għal tnaqqis fil-fiduċja murija mill-konsumatur, u minkejja li fil-każ odjern saret biss il-konfiska tal-oġġetti li ma kinux f'konformità mal-liġi, il-liġi tikkontempla pieni aktar ħorox għal min jevadi jew jittenta jevadi l-obbligu li jħallas id-dazju. L-intimati saħqu li għalhekk huma aġixxew b'mod korrett meta kkonfiskaw il-fliexken u ħarġu n-Nota ta' Qbid li qiegħda tiġi kkontestata.

26. Il-Qorti tqis li fil-każ odjern kien paċifiku mill-bidunett li s-soċjetà rikorrenti ħallset id-dazju dovut, u fl-ebda waqt ma ġie allegat li s-soċjetà rikorrenti waħħlet bolol li m'għadhomx jintużaw jew li naqset milli twaħħal il-bolla fuq għadd ta' fliexken esposti fil-ħanut tagħha, sabiex tevadi l-obbligi fiskali tagħha. Għall-kuntrarju, kif ġie osservat mill-Ewwel Qorti, fost il-konsiderazzjonijiet li għamlet sabiex waslet għad-deċiżjoni tagħha li fil-każ odjern kien sar żball ġenwin, kien il-fatt li d-dazju dovut kien tħallas kollu, u għalhekk ma sar l-ebda gwadann mis-soċjetà rikorrenti mill-fatt li hija esebiet għall-bejgħ fliexken li ma kellhomx il-bolla korretta imwaħħla jew inkella li kienu mingħajr bolla. Għaldaqstant l-enfasi li saret mill-intimati dwar l-importanza li l-kliem tal-liġi jiġi applikat b'mod tassattiv, titlef xi ftit mill-effikaċja tagħha, għaliex dak li ried jipprevjeni l-leġislatur bl-introduzzjoni ta' din il-liġi, jiġifieri l-evażjoni tad-dazju doganali, fil-każ in eżami la seħħ u lanqas ma kien hemm xi riskju li jseħħ għaliex id-dazji relattivi kienu tħallsu kollha.

27. Il-Qorti tosserva wkoll li s-soċjetà rikorrenti għandha raġun meta tgħid li l-liġi kif kienet fis-seħħ fiż-żmien meta saret l-ispezzjoni in kwistjoni, u li wasslet għall-qbid ta' għadd ta' fliexken mill-ħanut tagħha, ma kinitx tikkontempla

sitwazzjoni fejn l-operatur iwaħħal il-bolla mhux korretta fuq il-fliexken, iżda biss sitwazzjoni fejn il-faxxa jew il-bolla indikata mill-Kummissarju ma titwaħħalx. Fil-fatt kien bis-saħħa tal-Att VIII tal-2020 li l-kliem *"imwaħħla fuqu faxxa jew bolla kif indikat mill-Kummissarju"* ġie sostitwit bil-kliem *"imwaħħla fuqu faxxa jew bolla tas-sisa. Din il-faxxa jew bolla tas-sisa għandha tkun dik il-waħda korretta skont kif indikat mill-Kummissarju, u għandha tkun imwaħħla b'mod korrett kif indikat mill-Kummissarju."* Dan ifisser li l-aġir li kellu jiġi punit bil-qbid tal-fliexken li kienu qegħdin jiksru d-dispożizzjonijiet tal-Att, kien biss dak li jinvolvi l-fliexken li kienu mingħajr il-bolla u mhux ukoll dawk li fuqhom twaħħlet bolla ta' lewn deheb, kif fil-fatt seħħ. Dan huwa punt iżda li ma daħlitx fih l-Ewwel Qorti, u għalhekk din il-Qorti mhijiex ser tibbaża l-konsider-azzjonijiet tagħha fuqu. L-intimati spjegaw li l-bolla lewn id-deheb, meta kienet għadha tintuża, kienet maħsuba biss għall-użu fuq fliexken tal-inbid u mhux fuq fliexken ta' kull tip ta' alkoħol. Il-lista ta' fliexken elevati ppreżentata in atti ma tispeċifikax liema fliexken ġew maqbuda għaliex kienu mingħajr bolla u liema nqabdu għaliex kellhom il-bolla mhux korretta imwaħħla fuqhom, u għalhekk huwa diffiċli għall-Qorti tislet xi konklużjoni dwar it-tip ta' fliexken li ġew elevati, u għal liema raġuni dawn inqabdu, jiġifieri jekk hux għaliex kellhom il-bolla mhux korretta imwaħħla fuqhom, jew għaliex kienu mingħajr bolla. Fi kwalunkwe każ, li huwa żgur huwa li kellha ssir distinzjoni, liema distinzjoni jirriżulta li ma saritx.

28. Il-Qorti tqis ukoll li l-ammont ta' fliexken maqbuda fil-każ odjern kien wieħed żgħir meta mqabbel mal-volum ta' fliexken li s-soċjetà rikorrenti tbiegħ jew tpoġġi għall-bejgħ fil-ħwienet tagħha. Tenut kont ukoll li ma jirriżulta li kien hemm l-ebda evażjoni doganali, l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konklużjonijiet

tagħha. Lil hinn mill-kliem testwali tal-liġi, il-Qorti trid tara x'inhu l-iskop wara l-liġi u għal liema raġuni l-leġislatur ħass li għandu jintroduċi ċerti liġijiet, ċjoé li jiġi mħares l-erarju pubbliku u li jiġi assigurat li dak li huwa dovut skont il-liġijiet fiskali jinġabar kif suppost. Huwa paċifiku li fil-każ in eżami ma kien hemm ebda evażjoni fiskali mis-soċjetà rikorrenti, u għalhekk in-nuqqas li nstab fir-rigward ta' għadd relattivament żgħir ta' fliexken fil-ħwienet tagħha, ma ħalla l-ebda impatt fuq l-erarju pubbliku. Kien għalhekk li qabel għaddiet għad-deċiżjoni finali tagħha, l-Ewwel Qorti kkonsidrat li dan in-nuqqas aktarx kien effett ta' żball ġenwin, aktar u aktar meta ġew ikkunsidrati provi li tressqu quddiemha, li jindikaw li l-awtoritajiet doganali kienu jafu li kien hemm problemi b'xi bolol li ngħataw lill-operaturi, b'uħud minnhom li kellhom l-adeżiv difettuż. L-intimati jinsistu fir-rikors tal-appell tagħhom, li ladarba nstabu għadd ta' fliexken li ma josservawx strettament dak li jgħidu r-Regolamenti 11, 12 u 13 tat-Taqsimiet B u F tas-Sitt Skeda tal-Att, huma kellhom tassattivament jaġixxu biex jaqbdu dawk il-fliexken. Il-Qorti tqis li l-istampa hija ferm aktar wiegħsa minn hekk, u qabel jiġi applikat il-kliem testwali tal-liġi, irid jiġi stabbilit x'inhu l-ispirtu tagħha. In vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti mhijiex sejra tilqa' l-ewwel aggravju tal-intimati.

29. Permezz tat-tieni aggravju tagħhom, l-intimati jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi li kellha quddiemha. Jgħidu li l-kwistjoni li kellha tiġi eżaminata mill-Ewwel Qorti, kienet jekk huma kinux ġustifikati jikkonfiskaw il-fliexken, u qalu li l-Ewwel Qorti kkunsidrat il-provi li kellha quddiemha b'mod laxk għaliex is-soċjetà rikorrenti ma ġabet ebda prova sabiex turi li verament kien hemm bolol li twaħħlu mal-fliexken, li waqgħu

jew inqalgħu għaliex l-adeżiv tagħhom kien difettuż. Qalu li lanqas ma sar tentattiv mis-soċjetà rikorrenti sabiex tinforma lill-awtoritajiet li uħud mill-bolol setgħu kienu difettużi. L-intimati wrew id-dubju tagħhom li f'dan il-każ kien hemm żball ġenwin fir-rigward tal-bolol lewn id-deheb li nstabu mwaħħla ma' għadd ta' fliexken, u qalu li dan it-tip ta' bolol, sakemm kienu għadhom jintużaw, setgħu jitwaħħlu biss fuq fliexken tal-inbid.

30. Il-Qorti tirrileva li l-Ewwel Qorti qieset li fuq bilanċ ta' probabbiltajiet, aktarx li kien sar żball ġenwin fit-twaħħil ta' bolol mhux korretti fuq għadd ta' fliexken, mingħajr ma ġie speċifikat jekk il-bolol lewn id-deheb instabux imwaħħla ma' fliexken tal-inbid jew ma' fliexken b'xorb ieħor. Jidher li l-aqwa prova li kien sar żball, li ġiet ikkonsidrata mill-Ewwel Qorti, kien il-fatt li s-soċjetà rikorrenti kienet ħarset l-obbligi doganali tagħha kollha, b'tali mod li ma kien hemm l-ebda vantaġġ għaliha li tbiegħ jew tpoġġi għall-bejgħ fliexken mingħajr bolla jew b'bolla mhux korretta. Mill-atti jirriżulta wkoll li l-awtoritajiet kienu jafu li uħud mill-bolol ipprovduti lill-operaturi kienu difettużi u ma setgħux jeħlu kif suppost, u għalhekk kien hemm bosta ilmenti minn operaturi f'dan il-qasam dwar il-fatt li l-bolol bdew jaqgħu minn mal-fliexken. Dan ġie diskuss ukoll f'laqgħat li kienu jinvolvu rappreżentanti tal-Kamra tal-Kummerċ, kif jirriżulta mill-atti. Tenut kont ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax tasal għall-istess konklużjoni li waslu għaliha l-intimati, jiġifieri li l-Ewwel Qorti naqset li tagħmel apprezzament tajjeb tal-fatti u tal-provi li kellha quddiemha, u għalhekk sejra tiċħad dan l-aggravju wkoll.

31. It-tielet aggravju tal-intimati, li huwa marbut mad-deċiżjoni dwar il-kap tal-ispejjeż, ser ikun qiegħed jiġi miċħud ukoll, għaliex huwa evidenti li dan l-

aggravju seta' jintlaqa' biss jekk l-intimati jingħataw raġun dwar l-ewwel żewġ aggravji mressqa minnhom.

32. Il-Qorti issa sejra tgħaddi sabiex tikkonsidra l-aggravju tas-soċjetà rikorrenti fl-appell inċidentali tagħha, li qalet li meta l-Kummissarju tat-Taxxi ressaq huwa wkoll appell mis-sentenza tal-Ewwel Qorti, wara li dik il-Qorti kienet illiberatu mill-osservanza tal-ġudizzju, dan ħoloq konfużjoni. Qalet ukoll li meta daħlu fis-seħħ l-emendi leġislattivi relattivi, l-kawża kienet għadha għaddejja, u għalhekk l-Ewwel Qorti ma kellhiex għalfejn tillibera lill-Kummissarju tat-Taxxi mill-osservanza tal-ġudizzju. L-intimati wieġbu billi għamlu riferiment għall-emendi leġislattivi ppromulgati bl-Att XXVII tal-2023, li daħal fis-seħħ fit-18 ta' Lulju, 2023, u għalhekk meta kienet diġà ngħatat is-sentenza tal-Ewwel Qorti. L-intimati fir-risposta tagħhom għamlu riferiment għal dak li tipprovdi l-Leġislazzjoni Sussidjarja 517.01, li ddaħħlet fis-seħħ bl-Avviż Legali 173 tal-2012, kif emendata bl-Avviż Legali 273 tal-2014, li tistabbilixxi l-ekwivalenza ta' ċerti referenzi għall-karigi fid-Dipartiment tat-Taxxa, u minn fejn jirriżulta li l-karigi ta' Kontrollur tad-Dwana, ta' Kummissarju tat-Taxxi Interni, ta' Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, ta' Direttur Ġenerali (Taxxi Interni) u ta' Direttur Ġenerali (Taxxa fuq il-Valur Miżjud), bdew jiġu assunti mid-Direttur Ġenerali (Dwana) u mill-Kummissarju tat-Taxxi. L-artikolu 2 tal-Kap. 382 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jagħmilha ċara li t-terminu 'Kummissarju' użat fl-Att għandu l-istess tifsira mogħtija fl-Ordinanza tad-Dwana [il-Kap. 37 tal-Liġijiet ta' Malta], li ġiet emendata fl-2023 sabiex bdiet tipprovdi għall-'Kummissarju tat-Taxxa u d-Dwana' minflok nomenklaturi oħra biex jiddefinixxu r-rwoli ta' dak li kienu l-Kummissarju tat-Taxxa u d-Direttur

Ġenerali (Dwana). Il-fatt li l-appell prinċipali kien intavolat kemm mid-Direttur Ġenerali (Dwana) kif ukoll mill-Kummissarju tat-Taxxa, meta l-kliem tal-liġi jindika li dawn il-funzjonijiet issa ġew miġbura f'persuna jew awtorità waħda, ħoloq konfużjoni, u jagħti l-impressjoni li d-Dipartiment tad-Dwana huwa mmexxi minn żewġ uffiċjali separati. Huwa hawnhekk fejn il-Qorti jkollha tagħti raġun lis-soċjetà rikorrenti, li fetħet b'mod korrett il-proċeduri tagħha kontra żewġ entitajiet differenti – id-Direttur Ġenerali (Dwana) u l-Kummissarju tat-Taxxi, għaliex il-liġi fiż-żmien meta nfetħu dawn il-proċeduri, kienet tipprovdi għal dawn iż-żewġ rwoli separati biex jamminstraw il-ġbir tat-taxxi u d-dazji fil-pajjiż, u l-liġi applikabbli kienet tirreferi għall-'Kummissarju'. Għaldaqstant il-parti tad-deċiżjoni tal-Ewwel Qorti fejn ġie deċiż li l-Kummissarju tat-Taxxi għandu jinħeles mill-osservanza tal-ġudizzju u li s-soċjetà rikorrenti għandha tagħmel tajjeb għall-ispejjeż marbuta ma' dan, għandha tiġi revokata.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dwar l-appell prinċipali tal-intimati billi tiċħdu. Tilqa' l-appell inċidentali tas-soċjetà rikorrenti, u għaldaqstant tvarja s-sentenza appellata billi tiddikjara li l-Kummissarju tat-Taxxi huwa leġittimu kontradittur f'dawn il-proċeduri, u li s-soċjetà rikorrenti m'għandha tħallas l-ebda parti mill-ispejjeż tal-proċeduri quddiem l-Ewwel Qorti, u tikkonferma l-bqija tas-sentenza appellata.**

**L-ispejjeż ta' dan l-appell huma a karigu tal-intimati.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**